**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 81/12**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 13 ta' Frar 2012**

**Ħin: Fis-1.00 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Il-Kav. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joe Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono u ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn is-Sinjura Marija Saliba kienu skużati.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

**<u>TALBA</u>**

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

**<u>ATTIVITA' TAL-KARNIVAL</u>**

Is-Sindku qal l-iskop ta' din il-laqgħa msejħa b' urġenza huwa biex tkun diskussa u deċiża l-attivita' tal-karnival li soltu jorganizza l-Kunsill. Il-Kunsill qabel l-attivita' fil-pjazza ssir il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2012. Il-Kunsill alloka budget ta' €3,000 għal din l-attivita'.

Il-Kunsill approva:

- servizz mill-Banda Sta Marija taż-Żebbuġ – marċ mat-toroq tar-raħal.
- l-parteċipazzjoni tal-grupp taż-żeffiena tal-Banda, l-Iskola Primarja Mons G.A. Vella, The Gozo Friends Line Dancing u l-grupp ta' Matthew u Godwin Cini.
- jippreżenta s-serata George Cefai.
- li jsiru kompetizzjonijiet għall-isbaħ kostumi bil-*foam* u mingħajr *foam* u tal-maskarat – is-Segretarja Eżekuttiva ser tieħu ħsieb issib tlett *judges*.
- isir *banner*, jagħmlu Raphael Refalo.
- jingħata premju fi flus sa massimu ta' €150 lill-parteċipanti kollha tal-karrijiet (tal-lokal).

Il-laqgħa ntemmet fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Kav. Carmelo Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |